IR-RABAT

**KUMITAT AMMINISTRATTIV TAL-VIRTÙ**
**IT-TIENI LEĠIŻLATURA**
**MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU B 11**

* **Il-Kumitat iltaqa` nhar** Data u ħin
**L-Erbgħa 20 ta' Mejju 2015 fil-5.45 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat**

** **Preżenti għal-Laqgħa:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sra Renate Guillaumier | Viċi Ċerpersin |
| Is-Sna Louise Agius | Membru |
| Is-Sur Christopher Farrugia | Membru |
| Is-Sra Audrey Sant | Membru |
| Is-Sra Orietta Masini Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

**Skużati:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Sam Abela | Ċerpersin |

**Peress illi ċ-Ċerpersin kien skużat, ippresediet il-laqgħa l-Viċi Ċerpersin Renate Guillaumier.**

**1.00 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru B10**

1.01 Il-minuti tas-seduta nru B10 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati mil-Viċi Ċerpersin u s-Segretarju Eżekuttiv

Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru B10

**2.00 Punti li joħorġu mill-Minuti B10**

2.01 2.01 Is-Sra Louise Agius u s-Sra Renate Guillaumier infurmaw il-laqgħa li kienu ser jiltaqgħu mal-kuntrattur fil-jiem li ġejjin, minħabba li ma kellhomx in-numru tal-kuntrattur sabiex jikkuntattjawħ.

Diskussjoni dwar is-*soft areas*

Is-Sur Christopher Farrugia qal li fl-istess *soft area* hemm siġra li tmejjlet u talab li meta ssir l-ispezzjoni mal-kuntrattur, jara jekk din tistax issirilha xi ħaġa, sabiex



KUNSILL LOKALI IR-RABAT
8, Triq l-Isptar, ir-Rabat RBT 1043, Malta. Tel: +356 21455000 / 21451510
Fax: +356 21451945 email: rabat.malta.lc@gov.mt www.rabatlocalcouncil.com

tittranġa.

2.02 2.02 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li t-talbiet u proposti kienu gew imqassma f'żewġ ittri separati, waħda lid-Direttorat tat-Transport Pubbliku u oħra lid-Direttorat tal-Immaniġġjar tat-Traffiku. Hija qalet li l-ittra li tikkonċerna lid-Direttorat tat-Trasport Pubbliku kienet intbgħatet u kopja tagħha intbgħatet ukoll lill-Ministru Joe Mizzi, filwaqt li l-ittra li tikkonċerna l-immaniġġjar tat-traffiku ma ntbgħatitx peress li kien hemm diversi punti li ridu jiġu ċċarati. — Nuqqasijiet dwar it-trasport pubbliku

Wara diskussjoni li saret s-Sur Christopher Farruġia ppropona li l-ittra dwar l-immaniġġjar tat-traffiku ma tintbgħatx. Issekondat din il-proposta s-Sra Audrey Sant. Il-Kumitat qabel unanimament.

2.03 2.04 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li l-ittra dwar in- *Neighbourhood Watch* kienet ser tintbgħat hekk kif tiġi ffirmata mic-Ċerpersin. — *Neighbourhood Watch*

2.04 4.01 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li l-ħaxix u l-ġebel tneħħew u l-bankina tnaddfet. — Ħaxix fuq il-bankina Triq Godwin Ganado

2.05 4.05 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li kienet ġiet riċevuta ittra mill-Bank HSBC, fejn ġejna nfurmati li l-proposta tagħna kienet qegħda fil-lista' ta' tabelli biex jinbidlu, pero' mhux ser ikun possibbli li dawn it-tabelli issirilhom tibdiliet, min dik oriġinali. — Bdil tat-tabelli 'Merħba f'tal-Virtù'

2.06 4.07 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li dawn ix-xogħolijiet kienu saru. — Manutenzjoni tal-bankijiet u l-*litter bin* fi Triq il-Buskett

## 3.00 Komunikazzjoni mill-membri

3.01 Is-Sur Christopher Farrugia talab li tintbgħat *reminder* dwar il-ħajt fi Triq Godwin Ganado, sabiex naraw kienx hemm xi żviluppi.Il-Kumitat qabel. — Ħajt fi Triq Godwin Ganado

3.02 Is-Sur Christopher Farrugia talab li tintbgħat ittra lill-entità kkonċernata, sabiex jitnaddaf taħt il-ħajt tal-Belvedere ġewwa t- Triq tal-Virtu'. Il-Kumitat qabel. — Tindif taħt il-Belvedere fi Triq Tal-Virtu'

3.03 Is-Sur Christopher Farrugia qal li wara l-*party* li sar ġewwa l-palazz fi Triq tal-Virtu' kien tħalla ħafna ħmieġ fiż-żona u t-toroq tal-madwar. Huwa staqsa jekk għal din l-party kienx sar *one time permit* jew jekk kienx hemm xi permess permanenti. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li permessi għal attività fil-privat jinħarġu mill-Pulizijia u mhux mill-Kunsill, għaldaqstant l-Kunsill m'għandux tali informazzjoni. — *Party* ġewwa l-Palazz ta' Triq Tal-Virtu'

## 4.00 Korrispondenza

4.01 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li kienet ġiet riċevuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali it-tabella tal-allokazzjoni finanzjarja tal-Kumitat Amministrattiv għas-sena 2015 li hija ta' €57,931. Hija tat spejga ta' kif għandha titqassam skond l-funzjonijiet din l-allokazzjoni. — Allokazzjoni Finanzjarja għas-sena 2015

## 5.00 Materji Oħra

5.01 Ma kien hemm l-ebda materja oħra x'tiġi diskussa. Materji Oħra

## 6.00 Data tas-seduta li jmiss

6.01 Il-Kumitat qabel li l-laqgħa li jmiss għandha ssir nhar l-Erbgħa 24 ta' Ġunju 2015 fil-5.45 ta' filgħaxija. Data tas-seduta li jmiss

6.02 Il-laqgħa ntemmet fis-7.10 ta' filgħaxija.

Minuti approvati llum l-Erbgħa 24 ta' Ġunju 2015

**Sam Abela**
**Ċerpersin**

**Orietta Masini Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**